MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 170/2004

Kawza fil-lista: 33

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti kienu kkontrattaw zwieg bejniethom fit-8 ta’ Gunju, 2000 permezz tar-rit Civili biss;

U premess illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti kellhom tifel fis-17 ta’ Novembru, 2000, liema tifel semmewh D;

U premess illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu; u b’ anomalija psikologika li ghamlitha impossibli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

U premess illi wkoll il-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg inghata bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U premess illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat peress li kien inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza;

U premess illi ghalhekk iz-zwieg ccelebrat mill-kontendenti fit-8 ta’ Gunju, 2000 huwa null u bla effett;

Jghid ghalhekk il-konvenut, ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-8 ta’ Gunju, 2000 bir-rit civili huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta’ dak dispost fl-Att XXXVII ta’ l-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepixxa illi ghalkemm l-eccipjenti jaqbel illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, madanakollu dan minhabba tortijiet imputabbli lill-attrici, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi jsegwi ghalhekk illi l-eccipjenti m’ ghandhiex tbati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-8 ta' Gunju 2000 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a] u [d] u dak tal-konvenut vizzjat skond il-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jaqbel li z-zwieg huwa null, jattribwixxi din in-nullita' ghal tortijiet imputabbli lill-attrici.

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' Gunju 2000 wara li kienu ilhom johrogu flimkien, b' kollox tlett snin, u wara li l-attrici harget incinta mill-istess konvenut. Fis-17 ta' Novembru 2000 twieled it-tifel komuni tal-partijiet, u fis-27 ta' Marzu 2002 il-partijiet isseparaw de facto.

Jirrizulta wkoll li l-attrici kienet skopriet li kienet tqila fi Frar 2000 u ftit xhur, u cioe' xahar u nofs qabel iz-zwieg,huma iddecidew li jizzewwgu bl-<u>iskop uniku</u> minhabba l-kunjom tat-tarbija. Il-konvneut jghid li l-attrici kienet qaltlu "minhabba l-kunjom [tat-tifel] mhux ahjar nizzewwgu bic-civil biss."[1] Fid-deposizzjoni taghha l-attrici tghid li d-decizjoni "Ahna t-tnejn ma xulxin hadniha, minhabba t-tifel biex speci jkun hemm l-affarijiet kif suppost <u>taparsi</u>, u infatti bil-knisja ma zzewwigniex ghax ghidna 'in the <u>further</u> furture'[2].

Jirrizulta wkoll li l-partijiet ma kienux qalu lil genituri taghhom, la bid-decizjoni taghhom li jizzewwgu, u lanqas li kienu zzewwgu. Di fatti l-genituri taghhom saru jafu zmien wara.

[1] Fol.60
[2] Fo.49

Wara z-zwieg, li kien sar minghajr preparamenti u festeggjamenti, l-attrici regghet marret tghix fir-residenza ta' ommha f' Ghawdex, filwaqt li l-konvenut baqa' jghix fir-residenza tal-genituri tieghu f' Malta. Sussegwenti ghat-twelid tat-tarbija, il-konvneut mar jghix ma' l-attrici fir-residenza ta' ommha; izda peress li dan il-post kien zghir u kienet tghix fih ukoll oht l-attrici, il-partijiet ma kellhomx il-liberta' mehtiega fil-hajja matrimonjali, bir-rizultat li wara xi sena, huma marru jghix Malta go post mikri. Izda l-konvivenza matrimonjali bejniethom rrizultat impossibbli, u wara gimgha il-partijiet infirdu billi l-attrici telqet bit-tarbija tghix lura ma' ommha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi, apparti mill-akkuzi maghmula mill-partijiet kontra xulxin u l-genituri, dak li jirrizulta car u manifest f' dan il-kaz, huwa li l-partijiet ghaddew minn ceremonja esterna taz-zwieg, izda internament ekludew iz-zwieg fih in-nifs. Huma zzewwgu biss sabiex formalment "l-affarijiet ikunu kif suppost taparsi" u mhux ghax verament, f' dak l-istadju, riedu li jghixu l-hajja matrimonjali flimkien. Dan huwa evidenzjat mill-fatt li l-partijiet ma riedux jizzewwgu bir-rit religjuz f'dan iz-zmien, kif ukoll mill-komportament taghhom wara l-kuntrattazzjoni ta' dan iz-zwieg civili fis-sens li ma marrux joqghodu flimkien izda marru jghixu separatament ghal xi zmien mal-genituri rispettivi taghhom.

Dan juri bic-car li l-intenzjoni jew ahjar il-forma mentis taghhom fl-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghhom, ma kienitx li verament jinghaqdu fiz-zwieg, imma li jghaddu minn ceremonja formali "minhabba t-tifel".

Ghalhekk f' dan il-kaz tikkonfigura l-caput nullitatis fil-konfront taz-zewg partijiet kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat.

Illi rigward l-ispejjez jigi osservat li, ghalkemm it-tieni kawzali, bazata fuq dan il-paragrafu hija addebitata lill-konvenut, minn naha l-ohra tirrizulta car l-ezistenza ta'

dan il-caput nullitatis fil-konfront tat-tnejn, u ghalhekk l-ispejjez ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap. 255 u timmerita li tigi michuda.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-8 ta’ Gunju 2000. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-partijiet konguntivament fil-kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------